It-tieni motiv tar-rikors huwa bbażat fuq l-illegalità tal-estensjoni, għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ta' korrezzjoni finanzjarja li tista' biss tiġi eventwalment ġġustifikata fir-rigward ta' Stati Membri oħrajn. Ma ġiet ikkonstatata l-ebda anomalija fil-funzjonament tal-programm fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu. Il-fatt li l-Lussemburgu aċċetta li jipparteċipa fi proġett konġunt mal-Ġermanja, mal-Belġju, ma' Franza u mal-Pajjiżi l-Baxxi, ma jiġġustifikax li jiġu sofruti l-effetti negattivi, f'dak li jirrigwarda l-korrezzjoni finanzjarja tal-proġetti tiegħu, ta' żbalji jew ta' punti dgħajfa li ġew skoperti waqt il-verifika tal-proġetti tal-Pajjiżi l-Baxxi jew tal-Ġermanja u li jikkonsistu kważi għal kollox f'allegat ksur tad-dispożizzjonijiet rigward il-proċedura għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Minkejja l-fatt li din hija parteċipazzjoni konġunta ta' ħames Stati Membri fl-istess programm, il-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi jaqgħu taħt ir-responsabbiltà esklużiva tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati.

---

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2010 — Insula vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-110/10)

(2010/C 134/68)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Conseil scientifique international pour le développement des îles (Insula) (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: J.-D. Simonet u P. Marsal, avukati)

*Konvenuta*: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrent

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tiddikjara li t-talba tal-Kummissjoni li tingħata lura s-somma ta' EUR 84 120 hija infondata u, għaldaqstant, tikkundanna lill-Kummissjoni sabiex toħroġ nota ta' kreditu għall-ammont ta' EUR 84 120;

— tiddikjara li għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, ir-rikors għandu jiġi magħqud, minħabba li din il-kawża hija relatata, mal-Kawża T-366/09;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Bir-rikors preżenti, ibbażat fuq klawżola ta' arbitraġġ, ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali sabiex tikkonstata n-nuqqas ta' konformità tan-nota ta' debitu tat-28 ta' Jannar 2010, li biha l-Kummissjoni tordna, wara rapport ta' verifika tal-OLAF, l-irkupru tal-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija lir-rikorrent, mal-klawżoli tal-kuntratt EL HIERRO (NNE5/2001/950) konkluż fil-kuntest ta' programm speċifiku ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni fuq l-Enerġija, l-Ambjent u l-Iżvilupp sostenibbli.

Ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

Permezz tal-ewwel motiv, huwa jikkontesta l-eżiġibbiltà tal-kreditu invokat mill-Kummissjoni wara l-verifika li saret fl-2005.

Permezz tat-tieni motiv, huwa jsostni li l-Kummissjoni, bil-ħruġ tan-nota ta' debitu l-ġdida, tikser l-obbligi kuntrattwali tagħha li ma jippermettulhiex iktar li, sitt snin wara l-aħħar ħlas li sar lil Insula u fin-nuqqas ta' notifika minn naħa tagħha fit-terminu previst mill-kuntratt, titlob dokumenti ta' sostenn addizzjonali.

---

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2010 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-114/10)

(2010/C 134/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller, C. Blaschke, aġenti u U. Karpenstein, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 10712, tat-23 ta' Diċembru 2009, li tnaqqas l-għajnuna mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) taħt il-Programm ta' Inizjattiva tal-Komunità Interreg II/C "Inondation Rhin-Meuse", fir-Renju tal-Belġju, fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fir-Repubblika Franċiża, fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu u fir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(97) 3742, tat-18 ta' Diċembru 1997 (FEŻR Nru 970010008);

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni naqqset l-għajnuna mogħtija mill-FEŻR għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1994 sal-31 ta' Diċembru 1999 taħt il-Programm ta' Inizjattiva tal-Komunità Interreg II/C "Inondation Rhin-Meuse", fir-Renju tal-Belġju, fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fir-Repubblika Franċiża, fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu u fir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

Bl-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-kundizzjonijiet għall-korrezzjoni finanzjarja taħt l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88 ([1]) mhumiex sodisfatti. Fil-fehma tar-rikorrenti, dan ma jawtorizzax lill-Kummissjoni tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji għal żbalji amministrattivi jew għal nuqqasijiet ikkonstatati fis-sistemi amministrattivi jew ta' sorveljanza. Barra minn hekk, hija ssostni li anki jekk jinstabu żbalji amministrattivi jew nuqqasijiet ikkonstatati fis-sistemi amministrattivi jew ta' sorveljanza taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4258/88, ma għandux ikun hemm kwistjoni ta' korrezzjoni finanzjarja. L-ewwel nett, "irregolaritajiet", kif allegat mill-Kummissjoni, jistgħu jiġu korretti permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji biss jekk ikollhom jew kellhom effett negattiv fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea. Fil-fehma tar-rikorrenti, il-miżuri kkontestati mill-Kummissjoni ma kellhomx tali effett. It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li fil-każ ta' serje ta' proġetti li huma wkoll inkwistjoni, ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-Unjoni.

It-tieni motiv jallega li l-Kummissjoni ma kinitx intitolata taħt ir-Regolament Nru 4253/88 li tapplika rata fissa u estrapolat korrezzjonijiet finanzjarji. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li skont il-kliem ċar tal-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament dan jikkonċerna sitwazzjonijiet konkreti u ammonti kwantifikabbli.

Permezz tat-tielet motiv tagħha, ir-rikorrenti tallega ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ssostni li estrapolazzjoni fost l-Istati, li abbażi tagħha Stat Membru huwa meħtieġ jaċċetta responsabbiltà għall-iżbalji ta' Stat Membru ieħor, mhijiex permessa.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88, tad-19 ta' Diċembru 1988, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti, minn naħa waħda, bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħrajn li jeżistu, minn naħa l-oħra (ĠU L 374, p. 1).

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2010 — Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-116/10)**

(2010/C 134/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller, aġent, u U. Karpenstein, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 10675, tat-23 ta' Diċembru 2009, li tnaqqas l-għajnuna mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(97) 1120, għall-programm "Ziel 2-Programm Nordrhein-Westfalen (1997-1999)" fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni naqqset l-għajnuna tal-FEŻR għall-programm "Ziel 2-Programm Nordrhein-Westfalen (1997-1999) fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja".

Ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi insostenn tar-rikors tagħha.

Fl-ewwel motiv, ir-rikorrenti tilmenta li l-Kummissjoni evalwat is-sitwazzjoni b'mod żbaljat. Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni inkludiet ammonti żbaljati fil-kalkolu tar-rata ta' żbalji użata.

Skont it-tieni motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88 ([1]) għall-korrezzjoni finanzjarja ma ġewx sodisfatti. Hija tikkunsidra li din id-dispożizzjoni ma tawtorizzax lill-Kummissjoni tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji minħabba żbalji amministrattivi jew allegati nuqqasijiet fis-sistemi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll. Barra minn dan, hija ssostni li għal raġunijiet oħra wkoll, ma tistax tiġi kkunsidrata korrezzjoni finanzjarja tad-daqs ta' dik applikata mill-Kummissjoni. Minn naħa, "irregolaritajiet", bħal